# 122 żjara f'Malta skedati għall-2019 mill-aktar cruise liners li jħammġu

## Ippubblikat l-Cruise Ship Ranking annwali għal din is-sena: minn 90 vapur analizzat, 21 daħlu jew huma skedati li jidħlu fil-Port il-Kbir ta' Malta

Din is-sena se jsiru xejn inqas minn 122 żjara fil-Port il-Kbir ta' Malta mill-aktar cruise liners li jħammġu fl-Ewropa, skont il-Cruise Ship Ranking għall-2019 li għadu kif ġie ppubblikat.

Il-klassifika, li tinġabar mis-sieħeb ta' BirdLife Malta fil-Ġermanja, in-NABU (Nature and Biodiversity Conservation Union) kienet ippreżentata fl-aħħar jiem u għar-ranking ta' din is-sena, 90 bastiment tal-passiġġieri ġew assessjati għall-impatt tal-emissjonijiet tagħhom, speċjalment il-kontribut tagħhom għal-livelli ta' tniġġis tal-arja.

Tul l-2019, 21 minn dawn il-vapuri rabtu jew se jorbtu mal-moll fil-Port il-Kbir, b'ħafna minnhom jidħlu Malta diversi drabi matul is-sena. B'kollox, se jkunu saru 122 żjara fil-port[1] minn cruise liners li fl-2019 ġew ikklassifikati fl-agħar kategorija għall-ħsara li jagħmlu lill-ambjent. Bastimenti li huma mgħammra b'teknoloġiji li jnaqqsu t-tniġġis fl-arja kkawżat minn sistemi tal-exhaust se jidħlu biss 33 darba fil-Port il-Kbir. Dawn jinkludu pereżempju s-sistema magħrufa bħala SCR-Catalytic System, particulate filters jew cruise liners li ma jużawx il-Heavy Fuel Oil.

Ir-riżultati tal-istħarriġ ta' din is-sena juru li ammont żgħir biss mill-flotot tal-cruise liners qed isiru aktar indaf, waqt li bħala regola ġenerali l-industrija għadha tiddependi fuq heavy fuels u mhix qed tadotta teknoloġija kontra l-exhaust. Preokkupanti b'mod speċjali hija l-climate footprint tal-cruise liners: il-vapuri kollha jitħaddmu bil-fossil fuels li jipproduċu emissjonijiet kbar ta' gassijiet serra.

---

[1] Minn total ta' 382 żjara fil-port minn cruise liners li jinsabu fil-klassifika

BirdLife Malta u n-NABU (BirdLife Germany) ilhom minn Diċembru 2016 jikkollaboraw fi proġett konġunt – flimkien ma' msieħba internazzjonali oħrajn – bħala parti minn kampanja biex titqajjem kuxjenza dwar it-tniġġis tal-arja mill-cruise liners fil-Mediterran. L-għan fit-tul tal-proġett Together against Air Pollution from Ships huwa li tkun stabbilita Emission Control Area (ECA) fil-Baħar Mediterran.

Il-Kap Eżekuttiv tan-NABU Leif Miller qal: "Il-falliment tal-industrija tal-cruise liners li tindirizza l-kwistjoni tal-ħarsien tal-klima hija daqqa ta' ħarta għaż-żgħażagħ tagħna. Hadd ma jista' jippretendi li mhux konxju tal-kriżi li għandna llum fil-klima – u għandna responsabbiltà lkoll li nieħdu azzjoni llum qabel għada. Minkejja f'dan, il-kumpaniji tat-tbaħħir qed ikomplu jifqgħu s-suq b'aktar bastimenti enormi kull sena, li kollha jaħdmu bil-fossil fuels. Apparti li mhumiex qed jaġġornaw ruħhom maż-żminijiet tal-lum, din hija wkoll irresponsabbiltà kbira. Il-bastimenti tal-cruises jista' jkollhom biss futur jekk jużaw teknoloġiji nodfa bla emissjonijiet."

Il-Policy Officer ta' BirdLife Malta Janina Laurent ikkummentat: "F'Malta t-tniġġis tal-arja huwa theddida prinċipali għas-saħħa tal-bniedem, għall-ambjent tagħna u għall-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini Maltin, speċjalment fl-ibliet. Anke jekk aħna mdawrin bil-baħar u niddependu b'mod qawwi fuq it-traffiku marittimu – it-tagħrif u l-kuxjenza dwar il-problemi li jġibu magħhom l-emissjonijiet tal-vapuri jibqgħu fil-maġġor parti tagħhom mhux magħrufa u mhi qed tittieħed l-ebda azzjoni mill-awtoritajiet tal-gvern li huma responsabbli. L-ispejjeż esterni marbutin mas-saħħa f'dak li għandu x'jaqsam mat-tniġġis tal-arja jaqbżu l-€182 miljun fis-sena u kull sena jintilfu 44,000 ġurnata xogħol minħabba l-leave tal-mard relatat mat-tniġġis tal-arja, skont l-aħħar Rapport tal-UE dwar l-Implimentazzjoni Ambjentali. F'Malta dawn l-ispejjeż jiġu koperti bħala parti mill-fondi pubbliċi għall-kura tas-saħħa".

Fil-kategorija tal-vapuri li jniġġsu l-arja l-kumpanija Ġermaniża tal-cruise liners AIDA tiġi l-ewwel bl-iġded bastiment tagħha AIDAnova. Il-parent group Taljan tal-AIDA Costa Crociere jinsab fuq l-istess livell bil-Costa Smeralda, vapur li jaħdem bl-LNG. Fit-tielet post jiġu tliet vapuri tal-kumpanija tat-tbaħħir Hapag-Lloyd: l-Europa 2, li kien ġie kklassifikat fuq quddiem fl-2013, kif ukoll il-vapuri ġodda tal-ivvjaġġar Hanseatic Nature u Hanseatic Inspiration. Dawn il-cruise liners, però, mhumiex skedati li jidħlu fil-Valletta Cruise Port fl-2019. Aktar 'l isfel fil-klassifika nsibu l-flotta tal-kumpanija ġgant f'din l-industrija MSC li kull darba tikklassifika fl-agħar postijiet. Din is-sena vapuri ta' din il-kumpanija se jidħlu 17-il darba fil-Port il-Kbir. Il-kumpanija Ġermaniża TUI Cruises niżlet fit-13-il post.

Malta Siegert, Head of Climate Policy tan-NABU f'Hamburg, qal: "Tnaqqis komprensiv fis-sustanzi li jniġġsu l-arja huwa teknoloġikament possibbli u anke vijabbli ekonomikament bi spiża li tammonta għal farka min-nefqa meħtieġa biex jinbena vapur ġdid. Huwa skandaluż li fiż-żminijiet tal-lum għadna naraw vapuri li jinbnew skont l-istandards ta' għexieren ta' snin ilu. It-teknoloġiji għall-bini ta' vapuri ġodda u biex jiġu nstallati sistemi moderni fuq bastimenti eżistenti llum jeżistu u huma aċċessibbli faċilment. Apparti minn hekk messu ilhom li ddaħħlu regolamenti li jagħmluha mandatorja li l-vapuri fil-portijiet Ewropej kollha jieħdu l-enerġija minn mal-grid minflok iħallu l-magni tagħhom mixgħulin meta jkunu marbutin fil-port. Imma biex dan kollu jsir realtà hu meħtieġ li jkun hemm impenn ġenwin min-naħa tal-kumpaniji kollha tal-cruise liners."

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Holoq utli:**

- NABU Cruise Ship Ranking 2019
- L-istqarrija tan-NABU li ħabbret il-Cruise Ship Ranking ta' din is-sena
- Il-proġett ta' BirdLife Malta Together against Air Pollution from Ships
- Ir-Rapport tal-UE dwar l-Implimentazzjoni Ambjentali f'Malta

**Ritratti mehmużin:**

1. Il-klassifika NABU Cruise Ship Ranking 2019
2. Cruise Liner fil-Belt Valletta (Ritratt ta' Veerle van Werde)
3. Eżerċizzju ta' kejl ta' tniġġis tal-arja li sar minn BirdLife Malta u n-NABU fl-2018 fil-Valletta Cruise Port (Ritratt ta' Eleni Karatzia)
4. Cruise Liner fil-Port il-Kbir (Ritratt ta' BirdLife Malta)